KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

9 Leġiżlatura

AGENDA Numru 28

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar**

**Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali**

**Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 11 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 04 ta'Frar 2021, fil-5:30pm.**
**Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu *online* skont l-Artiklu 1 ta'Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid -Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fl' 15 ta' Diċembru 2020.**

**Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.**

Mariella Strout — 04 ta' Frar, 2021
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Daryl Connor — Viċi Sindku
- Carlos Zarb — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier

Online

- Anne Fenech — Kunsillier
- Graziella Galea — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier

**28.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsilliera.

**28.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (27)**

**Pagna 6 – item 27.10**

Is-Sindku ressaq mozzjoni għall-korrezzjoni ta' Minuti biex minflok il-kliem "***Il-Kunsillier Chris Vella Petroni ressaq***" tiddaħħal il-kelma "***tressqet***". Wara li ma nstabx qbil għal din l-emenda ttieħed vot favur il-korrezzjoni mressqa.

Favur – 7

Kontra – 4

Minħabba diffikulta fil-konnessjoni online, il-kunsilliera Anne Fenech u Anthony Angelo Attard ma pparteċipawx fil-vot.

Il-mozzjoni għaddiet

**Pagna 7 – item 27.13**

Il-Kunsillier Paul Bugeja ressaq mozzjoni għall-korrezzjoni ta' Minuti biex tiddaħħal il-kelma "Kontra" qabel il-kelma mozzjoni.

Il-Minuti 27 ġew approvati kif emendati.

**28.3 Punti mill-minuti**

**Każ Dimbros** –

Fl-4 ta' Frar, 2021, saret laqgħa bejn l-avukat tal-kunsill Dr David Bonello, is-Sindku Alfred Grima u s-Segretarju Eżekuttiv Sinj.Mariella Strout dwar il-każ Dimbros. Intqal, li ġew ivverifikati bl-aħjar mod id-dokumenti fir-rigward ta'xogħolijiet ta' patching, fejn għal darba oħra jirriżulta li l-flus li ħallas il-kunsill ma jappartjenux għax-xogħolijiet extra imma għal dawk ix-xogħolijiet li ġew iċċertifikati mill-Perit ta' dak iż-żmien William Lewis. Fuq parir ta' l-Avukat ġie deċiż li l-bilanċ dovut mill-kunsill ta' 18,076.09.

**Skema Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2020/2021 –**

Re-restawr tal-mini ta' Wignacourt, il-kunsill ġie infurmat li għad għaddej ix-xogħol fuq l-applikazzjoni.

**Ismijiet ta' toroq** –

Il-Kunsill ġie nfurmat li fil-preżent għaddejja korrispondenza mad-dipartiment rigward l-ismijiet ta' toroq

**Progett propost Triq Parades / Triq San Pawl –**

Il-Kunsill ġie nfurmat li fis-27 ta' Jannar 2021 saret laqgħa bejn il-Bord ta' l-Infrastruttura, liż-żviluppatur flimkien mal-periti taż-żewġ naħat fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv Sinj.Mariella Strout. Fejn l-iżviluppatur ippreżenta l-ideja tiegħu ta' kif tista tinbena l-binja. Ġie maqbul li l-iżviluppatur jiġi lura bi pjanti aktar konkreti.

28.4**<u>Komunikazzjoni mis-Sindku</u>**

**Work Exposure**

Persuna bi bzonnijiet specjali li toqgħod fil-lokalita ta' San Pawl il-Bahar għamlet rikjesta biex tinghata l-opportunita ta' work exposure mill-kunsill. Dwar dan il-kunsill ġie kkuntatjat minn *The Lino Foundation* fejn din il-persuna tattendi. Ic-CV ippreżentata turi li din il-persuna tippossedi diversi ċertifikati f'livell ta' A-Level, Intermidiate u 10 suġġetti fil-livell ta' O-Level. Il-Kunsill approva li din il-persuna tingħata l-opportunita ta' *work exposure.*

**Outdoor ash trays**

Bil-għan li l-kunsill jintensifikata l-ħidma tiegħu fil-qasam ta' l-indafa pubblika madwar il-lokalita saret rikjesta lid-Direttur Ġenerali ta' CMD, is-Sur Ramon Deguara biex dawn jgħinu finanzjarjament fix-xiri ta' 30 *out door smoking ashtray*.

Din ir-rikjesta ġiet milqugħa. Il-kunsill irringrazzja lis-Sur Ramon Deguara u lill-Cleansing għall-koperazzjoni tagħhom.

**Rikjesta għal assistenza ta' Ħaddiema** –

Is-Sindku Alfred Grima nforma li ntlaqqet rikjesta li tressqet lill-Ministeru tat-Turiżmu biex il-kunsill għal darba oħra jerga jibbenifika minn assistenza ta' ħaddiema tal-kumpanija privata biex jagħmlu xogħol volontarju madwar il-lokalita taghna. Il-kunsill irringrazzja lill-Ministru Clayton Bartolo għall-koperazzjoni tiegħu.

**Rikjesta ta' Telework**

Tressqet rikjesta minn skrivana biex taħdem 5 siegħat teleworking minħabba raġunijiet familjari.Il-kunsill qabel li d-deċiżżjoni titħalla f'idejn is-Segretarju Eżekuttiv.

**Rikjesta Sport tal-Airsoft**

Is-Sur Clayton Mifsud, f'isem grupp ta' ħbieb li jiprattikaw l-isport tal-Airsoft, ressaq rikjesta mal-Kunsill jingħataw permess biex jibdew jippratikaw l-isport tagħhom f'post qrib il-Grotta ta' San Martin.

Il-Kunsill approva kemm il-darba l-art inkwistjoni ma hijiex art privata, li jinġibu dawk il-permessi kollha neċessarji kif ukoll li l-akkwati jinżammu totalment nodfa.

**Charging Pillars** –

Il-Ministeru ta' l-Enerġija ssuġġerixxa li jinstalla żewġ charging pillars waħda fi triq il-Wileġ,Qawra fejn l-Enemalta u oħra fi triq il-Preistorja, Xemxija. Issemma l-fatt, li li triq il-Preistorja hija l-aħħar triq fl-akkwati.

Il-kunsill approva l-installazzjoni fi triq il-Wileġ filwaqt li ġie pproponut, li charging pillar l-ieħor jiġi nstallat fil-parkegg ta' quddiem il-bajja tax-Xemxija minflok fi triq il-Preistorja. Dan minħabba li l-post proponut mill-kunsill huwa ferm aktar strateġiku.

**Allegazzjoni ta' twaħħil ta'grada fuq art pubblika - Triq il-Ballut, Wardija**.

Is-Sur Vincent Farrugia ġibed l-attenzjoni tal-kunsill għall-fatt li twaħħlet grada allegatament fuq art pubblika li timpedixxi persuni milli jagħmlu użu minn parti ta' triq li għada kif ġiet

asfaltata u magħrufa bħala Triq il-Ballut, fil-Wardija. L-istess ilmentatur sostna li l-promontorju kif wkoll il-passaġġ (water-course) li jasal sax-Xemxija għal fuq il-bajja għandhom jibqaw liberi u miftuħa għall-pubbliku.

Is-Sindku Alfred Grima rrimarka, li xi ġimgħatejn qabel ma hu rċieva l-email tas-Sur Farrugia, personalment għamel kuntatt mal-persuna li tmexxi l-kumpless biex is-sidien jipprovdu lill-kunsill *"proof of ownership"* ta' l-art inkwistjoni. Informa, li l-ebda risposta ma rċieva.

Il-Kunsill qabel li għanda tinkiteb ittra uffiċjali lis-sidien tal-kumpless biex dawn jipprovdu *"proof of ownership"* kif ukoll lill-Awtorita ta’ l-Artijiet, lill-Infrastruttura Malta u lill-Awtorita ta’ l-Ippjanar.

**Assistenza mir-Reġjun**

Il-Kumitat Reġjun Tramuntana approva assistenza lill-kunsilli lokali f’Attivitajiet ta’ t*eam building*, *fil-promozzjoni ta’ attivitajiet kultura*, *artistiċi u sportivi, x*iri ta’ 2 CCTV’s, tiżjin tal-Milied, xiri ta’ xtillieri għar-roti, kors fil-Customer Care, First Aid u Fire Fighting, xiri ta’ Defibrillattur estern awtomatiżżat, assistenza fix-xiri/tqegħid ta’ faċilitajiet sportivi u mpenn biex tiġi organiżżata wirja ta’ nar għal Ewwel tas-Sena. Miżura oħra għajnuna lil NGO’s u VO’s lokali fil-pubblikazzjoni annwali tagħhom. Il-Kunsill irrikonoxxa pożittivament din il-ħidma fejn ġie maqbul li għanda tintbagħt nota ta’ apprezzament mill-kunsill.

**Sit triq il-Qalb ta’ Gesu** (qrib BOV )

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-prezzijiet tal-*barrier* simili għal dawk użati fil-parkeġġi jibdew minn madwar 1,800 Euro apparti l-VAT. Il-Kunsill qabel li ma jagħmilx sens li jsir investiment simili u għalhekk ta’ l-awtorizzazjoni tiegħu li jinfetħu d-diskussjonijiet mas-sidien ta’ l-art mitluqa biex din titnaddaf u possibilment tibda tintuża bħala parkeġġ.

28.5 **<u>Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet.

28.6 **<u>Rapporti u jew Approvazzjonijiet ta’ Rapporti</u> – Financial Statements 2020**

Il-laqgħa ġiet sospiża għal ftit ħin biex l-accountant tal-kunsill setgħet tfiehem u tirrispondi domandi tal-kunsilliera.

Fuq mozzjoni tas-Sindku Alfred Grima sekondat mill-Kunsillier Paul Bugeja ittieħed vot Favur l-approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report perjodu 1ta'Jannar 2020 - 31 ta' Diċembru,2020 u tal-Financial Statements 2020 kif imressqin.

Favur – 8

Kontra – 0

Astenzjoni 4

Il-kunsilliera Anne Fenech ma ppartecipatx fil-vot għax dak il-mument ma kinietx online.

Il-Financial Statements 2020 u Quarterly Financial Report – 4 ġie approvat mill-Kunsill hekk kif tressaq.

28.7 **Item: <u>Leave akkumulat tal-ħaddiema sena 2020</u>**

Il-Kunsill ġie nfurmat, li minħabba l-esiġenza ta' xogħol is-Segretarju Eżekuttiv għandha 90.5 siegħa vacation leave x'tieħu mis-sena 2020. Il-ħaddiema klerikali għandhom jieħdu 264 siegħa vacation leave bejniethom.

Il-Kunsill approva li l-vacation leave kollu jiġi akkumulat għas-sena 2021, fejn il-leave tas-sena li qedin fiha għandu jittieħed kollu sa l-aħħar tas-sena eżistenti. Fil-każ tas-Segretarju Eżekuttiv, il-bilanċ kollu dovut ta' siegħat leave li jibqa mhux meħud sa l-aħħar tas-sena 2021 għandu jiġi mħallas kollu. Dan iseħħ minħabba li l-kunsill ma huwiex f'pożizzjoni li jopera kif meħtieġ mingħajr is-servizz ta' Segretarju Eżekuttiv.

**6.25pm Il-Kunsillier Stephen Cremona ħareġ mil-laqgħa**

28.8 **Item <u>Pjan għall-immaniġjar ta' skart</u>**

Is-Sindku Alfred Grima qara r-risposta tal-kunsill dwar ir-riforma ta' l-immaniġjar ta' l- iskart f'pajjiżna li ntbagħtet lill-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u Ippjanar

u lill-AKL. Informa, li l-Wasteseve għada kif intoducit regoli ġodda stretti ferm fil- faċilitajiet kollha tagħha, fejn dawn se jħallu mpatt negattiv fuq il-kunsilli. Konsegwenza ta' dawn ir-regoli, il-Kunsill irċieva ukoll korrispondenza mingħand il-kuntrattur li jiġbor il-borża s-sewda u l-organiku. Dan informa li l-kumpanija tiegħu ma hijiex f'pożizzjoni li tiġbor kartun u ħaxix aktar. Il-Kunsillier Graziella Galea rrimarkat li ghalkemm ma għandiex titnaqqas il-frekwenza tal-gbir ta' skart tal-borza s-sewda, lanqas għandha tigi inkoraggita biex tizdied sabiex nuru li ahna favur is-seperazzjoni tal-iskart, u li għalkemm naqblu fil-prinċipju dwar il-points tad-depoziti tal-iskart dawn ma jaħdmux fiz-zoni kollha per ezempju minħabba nuqqas ta' parkeġġ.

28.9 Item: **<u>Ħruġ ta'sejħa pubblika ġbir ta' skart riċikabbli</u>**

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-kuntratt tal-ġbir ta' l-iskart riċikabbli se jiskadi f'April 2021. Minħabba li fil-preżent għaddejjin diskussjonijiet dwar ir-riforma, għad irid jiġi stabbilit jekk is-sejħa pubblika hijiex se toħroġ mill-kunsill jew le.

Is-Sindku rringrazzja lill-CMD li waħlu CCTV fi triq Port Ruman.

Il-kumpannija Green MT bagħtet nota lill-kunsill rigward il-*Waste Management Plan* liema nota ġiet diskussa waqt il-laqgħa nformali li nżammet nhar l-20 ta'Jannar, 2021, bejn il-kunsilliera preżenti u s-Segretarju Eżekuttiv. Fit-2 ta' Frar, 2021 inżammet laqgħa bejn Green MT u l-kunsill fejn ġew innutati diversi nuqqasijiet mill-kuntrattur li jiġbor il-ħġieġ.

28.10 **Item: <u>PA/07670/20</u>**

Il-Kunsilliera Graziella Galea u Paul Bugeja iddikjaraw konflitt ta' interess, dan minħabba li huma Impjegata u Direttur fuq Bord ta' Infrastruttura Malta rispettivament. Għalhekk ma pparteċipawx fid-diskussjoni u fil-vot dwar dan l-item.

Il-laqgħa ġiet sospiża għal ftit ħin biex il-Perit tal-kunsill seta jispjega fiex tikkonsisti l-applikazzjoni tal-proġett ta' Triq Burmarrad, fejn ġie innutat, li l-applikazzjoni ma tagħmilx referenza għar-roundabout li nbnit ftit gimgħat ilu fl-akkwati ta' Għajn Riħana, San Pawl il-Baħar. Ix-xogħolijiet jikkonsistu fil-bini ta' roundabout ġdida oħra fl-akkwati ta' Triq is-Sardin, Burmarrad. Bini ta'*built out* (bankina) quddiem is-

*showroom* eżistenti, qlugħ ta' 3 siġriet u spustjar ta' *centre strip* fejn fil-preżent hemm *bus stop*. Biex ix-xogħolijiet inkwistjoni jsiru jeħtieġ li tiġi espropjetata art ta' daqs ta' 195.5 metru kwadru. Issemma, li dan il-proġett sejjer jaffetwa negattivament ġibjun ferm antik. Il-kunsill ġie mgħarraf li l-Midja rrapurtat li l-petizzjoni kontra l-proġett attirat aktar minn 5,500 firma.

Filwaqt li l-kunsill jirrikonoxxi b'mod pożittiv dan l-investiment, iħoss, li proġett simili kellu jindirizza ukoll il-problema ta' konġestjoni ta' traffiku. Bil-bini ta' roundabout oħra mhux biss se jiżdid it-traffiku fl-akkwati imma ukoll se jiġi affetwat negattivament ġibjun antik ferm b'detriment dirett fuq l-attivita tal-bidja fiż-żona.

Il-Kunsillier Carlos Zarb ressaq mozzjoni li s-Sindku Alfred Grima issekonda, li titlob lill-Infrastruttura Malta biex;

1. Tirrevedi l-pjanijiet tagħha li tibni *roundabout* ieħor fi Triq Burmarrad kantuniera ma Triq is-Sardin. Dan minħabba il-fatt li roundabout iżżid it-traffiku u ttawwal il-ħin ta' l-ivvjaġġar.
2. Il-proġett ma jaffettwa bl-ebda mod il-ġibjun li tħaffer bl-idejn mijiet ta' snin sħaħ ilu għax dan imantni ma l-20 tomna raba.
3. B'rispett sħiħ lejn is-saħħa u s-sigurta tar-residenti jiġu nstallati belisha lights qrib Sqaq Ċampra.
4. Il-*built out* (bankina) ippjanata għal quddiem is-*showroom* eżistenti tiġi eliminata minħabba li din toħloq perikolu bla bżonn għas-sewwieqa.
5. Il-proġett jinkludi l-bdil ta' bosta ħitan u bankini perikolużi li hemm f'tul it-triq fil-parti ta' San Pawl il-Baħar.

Il-mozzjoni għaddiet nem.con.

28.11 Item: **<u>PA/08024/18 Burmarrad Supermarket</u>**

Il-laqgħa ġiet sospiża għal ftit ħin biex il-Perit tal-kunsill ifiehem fiex tikkonsisti l-applikazzjoni PA08024/18. Il-proġett jikkonsisti f'bini ta' Supermarket fuq art barra mill

iżvilupp (ODZ) fi triq Burmarrad kantuniera ma Triq is-Sardin. Din tinkludi parkegg taħt l-art. Mir-records ta' l-Awtorita ta' l-Ippjanar jirriżulta, li l-applikazzjoni kienet ġiet sospiża wara ftit xhur u reġat ġiet attivata ftit ġimgħat wara li Infrastruttura Malta daħlet l-applikazzjoni ta' triq Burmarrad, PA/07670/20. Fis-26 ta'Ottubru, 2018 il-Kunsill kien issottometta r-rappreżentanza tiegħu kontra dan il-proġett.

Is-Sindku Alfred Grima, f'isem il-Viċi Sindku Daryl Connor, Kunsillier Carlos Zarb, Mario Salerno, Alfred Bray, Paul Bugeja u Stephen Cremona ressaq dikjarazzjoni fejn din tgħid;

"Illi,

l-applikazzjoni ta' żvilupp għal bini ta' Supermarket u parkeġġ taħt l-art PA 08024/18 qeda ssegwi applikazzjoni oħra li kienet ġiet diskussa fil-laqgħa 28 tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar, fl-24 ta' Frar 2017, fejn il-grupp kunsilliera Nazzjonalisti, taħt it-tmexxija ta' l-ex Sindku Graziella Galea, kienu vvutaw favur l-applikazzjoni PA 05374/08 għas-sanzjonar ta' żvilupp li kien sar biswiet din l-istess art f'Burmarrad, xi ħaġa li tħajjar lill-applikanti jerġaw iressqu applikazzjoni ġdida għal aktar bini fuq art barra mill-iżvilupp (ODZ)."

Is-Sindku ppeżenta l-minuti tal-laqgħa 28 indikati fid-dikjarazzjoni biex jiġu annessi mal-minuti ta' din il-laqgħa.

Il-Kunsilliera Graziella Galea qalet li l-applikazzjoni ta' dak iż-żmien kienet ta' *Sanctioning.* Fuq point of order is-Sindku qal li d-dikjarazzjoni ssemmi l-kelma "sanzjonar" li tfisser l-istess.

Il-Kunsilliera Graziella Galea qalet li ż-żewġ artijiet inkwistjoni ma jmissux ma xulxin. Is-Sindku ressaq point of order fejn indika li d-dikjarazzjoni ssemmi l-kelma "biswiet".

Il-Kunsilliera Graziella Galea qalet li jekk għandna nsemmu kaz ta' art agrikola ODZ ta' min isemmi ukoll il-każ tal-pompa tal-petrol.

Fuq point of order is-Sindku wieġeb, li fil-każ tal-pompa tal-fuel, il-policy kienet

tiddetta li din tinbena f'art ODZ mentri l-applikazzjoni ta' illum qeda titlob li s-supermarket u l-parkeġġ jinbena fuq art agrikola (ODZ) fejn il-policy ma tippermettiħx.

Il-Kunsillier Carlos Zarb għamel stqarrija fejn qal "li hija tal-mistħija li kunsill preċidenti taħt amministrazzjoni Nazzjonalista, approva li żvilupp li sar illegali jiġi sanzjonat.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni favur li l-kunsill joġġezzjona għall-applikazzjoni PA/08024/18 fuq il-bażi li s-Supermarket u l-parkeġġ f'Burmarrad li se jinbnew fuq art agrikola (ODZ).

Il-mozzjoni għaddiet nem.con.

28.12 Item: **Mina ta' bejn Triq Bibel u Triq il-Wileġ**

Tressqet proposta biex possibilment issir upgrade u rampa fil-mina ta' bejn Triq Bilbel u Triq il-Wileg għal użu ta' persuni li jużaw wheel chair, scooters u pushchair. Il-Kunsill approva kemm il-darba jiġi żgurat li l-ħitan ma humiex tal-privat.

28.13 Item : **Laqgħa Annwali – April 2021**

Il-Kunsill qabel li l-laqgħa Annwali tinżamm il-Ħadd 11 ta' April fl-10am, fejn il-lokazzjoni għad trid tiġi maqbula. Il-perit tal-kunsill għandu jipprepara preżentazzjoni tal-proġetti kollha. Il-laqgħa għanda tkun online ukoll.

28.14 Item: **Approvazzjoni ta' Kontijiet u xiri ta' oġġetti / servzzi Skeda ta' Pagamenti**

Is-Sinkdu nforma li pagament 85 ta' Bezzina *grass cutting* mhux se jitħallas qabel jiġi żgurat li l-invoices huma bir-rata stabbilita. Il-pagament 103.78 ta' Mica Med se jiġi eliminat għax instab li l-invous doppja.

Il-Kunsillier Chris Vella Petroni irrimarka dwar il-pagamenti tal-kuntrattur li jiehu hsieb il-lattrini tal-lokalita' fejn qed isiru hlasijiet fuq lattrini għalkemm mhux kollha qiegħdin ikunu

miftuha jew inkella ma jinghalqux filghaxija. Il-kunsillier Paul Bugeja iddikjara li l-kuntrattur ghandu dritt jithallas xorta wahda ghal dawk il-latrini li ilhom maghluqin iktar minn sitt xhur, dan skond il-kuntratt.

Fuq Point of order imressaq mill-Kunsillier Paul Bugeja, is-Sindku Alfred Grima stieden lill-Kunsillier Christopher Vella Petroni biex jew jissustanzja l-allegazzjoni tiegħu fil-konfront tal-Kunsillier Paul Bugeja inkella għandu jirtiraħa. Il-Kunsillier Christopher Vella Petroni rtira dak li qal.

Is-Sindku ressaq mozzjoni għal approvazzjoni ta' l-iskeda tal-pagamenti
Favur - Sindku Alfred Grima, Viċi Sindku Connor Daryl, Kunsilliera Carlos Zarb, Alfred Bray, Mario Salerno, Paul Bugeja, Graziella Galea, Anne Fenech, Anthony Delia, Anthony Attard, Antoinette Bezzina
Kontra - Hadd
Astenzjoni - Kunsillier Christopher Vella Petroni

L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata.

**Installati bozoz ġodda** - Il-kunsill irċieva diversi rikjesti sabiex jiġu nstallati bozoz ġodda fi Triq it-Turisti quddiem l-appartamenti Manor Crt kif ukoll fi Triq il-Ħġejjeġ kantuniera ma Triq Damasku. L-istiemi għal dawn l-investimenti huma €14,147.25 u €4,739 rispettivament. L-istiema ta' Triq ħġejjeġ ma tinkludix lis-skavar fil-bankina.
Il-kunsill approva dawn ix-xogħolijiet.

**Client's List Interface** -Il-Kunsill approva li jinxtara **software** biex jgħin titwassal l-informazzjoni dwar servizzi u attivitajiet tal-kunsill lir-residenti permezz ta' msg app tal-mobile telefon fejn persuni trid tirreġistra mall-kunsill għal dan is-servizz.
Punch Clock - Il-kunsill approva x-xiri ta' punch clock għal ħtiġijiet tal-kunsill.

**Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-8.30pm fejn din ġiet aġġornata għal 4 ta' Marzu, 2021.

Il-Laqgħa intemmet 8.30pm

| | |
|---|---|
| ____________________ | ________________________ |
| Alfred Grima | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |